MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1632/2001/1

**Vincenza mart Michael Barbara, Doris mart Emanuel Bonanno, Mary mart Alfred Chircop u l-istess Michael Barbara, Emanuel Bonanno u Alfred Chircop ghal kull interess li jista' jkollhom.**

**-vs-**

**Raymond Camilleri.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-10 ta' Ottubru, 2001 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi fit-28 ta' Novembru 1995 mietet testata Giovanna Camilleri omm l-atturi (Dok A) u fl-4 ta' Mejju 2001 miet testat missier l-atturi Giovanni Maria Camilleri (Dok B).

Illi mir-ricerki testamentarji rrizulta li l-grenituri tal-kontendenti (Dok C u Dok D) b'testment unica charta

datat 19 ta’ Dicembru 1991 fl-atti tan-Nutar Nicola Said (Dok E) hallew jissoprovviduhom lill-erba’ uliedhom li huma l-atturi Vincenza mart Michael Barbara, Doris mart Emanuel Bonanno u Mary mart Alfred Chircop u lill-konvenut Raymond Camilleri.

Illi l-imsemmija Giovanna Camilleri u Giovanni Maria Camilleri nnominaw lill-erba’ uliedhom eredi universali fi kwoti u prozjonijiet ugwali bejniethom.

Illi l-konvenut nonostante diversi drabi interpellat sabiex jersaq ghad-divizjoni tal-istess wirt skond l-istess testment, huwa baqa’ inadempjenti tant li mill-mewt ta’ missier l-atturi huwa qabad u ha pussess tal-propjeta’ mobbli u immobbli tal-istess ġenituri.

Illi l-konvenut, mill-mewt ta’ missieru, qabad u ghalaq id-dar tal-genituri tieghu bi stanga u ghalhekk l-atturi m’ghandhomx access ghaliha; qed jahdem l-ghelieqi li hemm mal-istess dar u band’ohra bil-qliegh minn dawn l-ucuh imur kollu ghalih minghajr ma jhallihom jahdmu parti mir-raba’ u lanqas itihom parti mir-rikavat.

Illi huma ppruvaw diversi drabi sabiex din il-qasma issir bil-kwiet izda l-konvenut baqa’ jwebbes rasu u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta’ komunjoni.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

a. Il-likwidazzjoni u firmazzjoni tant tal-beni formanti l-komunjoni tal-akkwista tal-imsemmija Giovanna u

Giovanni Maria, konjugi Camilleri, kif wkoll ta’ dawk formanti l-assijiet partikolari taghhom billi jigu dikjarati li jikkonsistu fil-beni li jirrizultaw daqt it-trattazzjoni tal-kawza.

b. Billi dawn il-beni jigu divizi f’erba’ kwoti u prozjonijiet ugwali li jigu assenjati bix-xorti jew altrimenti, wahda kull wiehed lill-atturi Vincenza mart Michael Barbara, Doris mart Emanuel Bonanno u Mary mart Alfred Chircop u lill-konvenut Raymond Camilleri.

c. Billi ghall-finijiet fuq premessi jigi nominat, jekk ikun il-kaz, Perit Arkitett biex jaghmel pjan ta’ qasma, Nutar biex jircevi l-atti relattiv u kuraturi biex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-att relattiv u fuq kull att iehor relavanti u sussegwenti inkluz ir-rilaxx tal-flus li hemm prezentement fil-banek lokali u/jew esteri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet pprezentata fl-24 ta’ Dicembru, 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

Illi filwaqt illi c-citazzjoni attrici hija mimlija allegazzjoni inveritjeri u fi kwalunkwe kaz irrilevanti, l-attur jaderixxi pjenament mat-talbiet attrici, u jiddikjara li d-divizjoni ghadha ma sehhitx minhabba diversi kwistjonijiet sija ta’ fatt, sija ta’ dritt u sija valutazzjoni bejn il-partijiet rigward il-konsistenza tal-beni ereditarji *de quo*, u dan kif ben jafu l-atturi, kif jirrizulta
mill-korrispondenza kopjuza li ghaddiet bejn il-partijiet, u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Marzu 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti processwali kollha komprizi r-rapporti tal-esperti teknici.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher din hija kawza tipika ta' divizjoni bejn ahwa rigwardanti l-assi ereditarji tal-genituri taghhom, bhas-soltu ispirata minn piki deplorevoli.

Kif jigri ukoll spiss f'kawzi simili saru diversi allegazzjonijiet reciproci bejn il-partijiet dwar xi mobbli u flus li allegatament sparixxew fl-ewwel jiem wara l-mewt tal-missier. Dawn naturalment gew michuda mill-partijiet akkuzati u in mankanza ta' provi konkreti dwar dan il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dawn l-assi li allegatament sparixxew, anke ghaliex f'kull kaz il-Qorti ma ghandhiex mezzi biex tivverifika l-valur reali taghhom. Ma hemmx kontestazzjoni illi skond it-testment ahhari fuq indikat tad-decuji l-assi ereditarji kollha ghandhom jinqasmu f'erbgha oqsma indaqs. Il-kwistjoni hija tal-entita tal-assi.

Il-konvenut insista ukoll illi per esempju z-ziemel kien inghata lilu mill-missier izda l-atturi cahdu dan u l-Qorti ma tistax taccetta l-allegazzjoni tal-konvenut daqshekk leggerment.

Il-Qorti ghalhekk issib li l-assi li tista' taqsam huma dawn.

1. L-assi immobiljari li gew stmati mill-AIC Valerio Schembri u li skond l-istess perit mhumiex komodament divisibbli.

2. L-oggetti mobbli stmati mill-perit tekniku is-sur Ciliberti u

3. Depositi bankarji fl-HSBC Bank Malta,

Il-Qorti taqbel mal-perit tekniku illi l-assi immobiljari ghandhom jinbieghu u r-rikavat jinqasam fi kwoti ugwali bejn il-partijiet u l-Qorti se taddotta bhala stima l-istess stima li ghamel il-perit tekniku. Il-konvenut permezz tal-abbili difensur tieghu argumenta li r-razzett jista' jinqasam billi hemm iktar minn bieb wiehed izda l-Qorti hija tal-fehma illi tali qasma tnaqqas il-valur global tal-istess razzett. Ghalkemm ma intalabx il-bejgh in licitazzjoni f'dik l-eventwalita' (cioe' li l-propjeta' ma tkunx komodament divisibbli), il-Qorti fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi se tordnaha xorta wahda.

Kwantu ghad-depositi bankarji il-Qorti thoss illi dawn ghandhom jinqasmu fi kwoti indaqs bejn il-partijiet u ma jkunux inkluzi fid-divisjoni tal-assi mobiljari u dan biex jigi assikurat li l-partijiet jiehu l-kwoti esatti tal-flus li jmisshom peress li jista' jaghti l-kaz li hemm xi imghaxjiet li gew dovuti fil-kors tal-kawza u jista jkun hemm ohrajn sakemm tigi biex issir il-qasma effettiva. Billi jidher li l-partijiet jixtiequ illi l-assi mobiljari jinqasmu bejnthom il-Qorti se tipprovdi biex dawn taqsamhom billi huma komodament divisibbli bl-ghajnuna ta' ekwiparazzjoni.

Ghalhekk rigward dawn l-assi l-ohra stmati mis-sur Ciliberti il-Qorti se tordna illi jinqasmu f' erbgha porzjonijiet kif gej:

Porzjon A: Il-vann Fiat Fiorino stmat Lm2000 (elfejn Lira Maltin) – min jiehu dan is-sehem ghandhu jaghti Lm601.50c (sitt mija, lira u hamsin centezmu Maltin) lil min jiehu l-porzjoni C;

Porzjoni B: L-oggetti kollha mobbli illi gew stmati fil-garage fi Triq Dun Karm Psaila Siggiewi u fil-kantina tad-dar mumru 43 Triq is-
Siggiewi Zebbug (b'kollox Lm636) u t-tiben fl-ghalqa tad-Dmieri Haz-Zebbug stmat Lm13 (tlettax il-lira Maltin); u l-kamra tas-sodda fil-fond 43 (indikata ukoll bhala 44 a fol 67 tal-process) Triq is-Siggiewi Zebbug stmata Lm650 (sitt mija u hamsin lira Maltin) a fol 77 tal-process ghalhekk b' kollox tal-valur ta' Lm1299 (elf, mitejn u

disgha u disghin lira Maltin) – min jiehu din il-porzjoni ghandhu jaghti bahal ekwiparazzjoni s-somma ta' hamsin centezmu lil min jiehu l-porzjon C;

Porzjoni C: L-oggetti smati fil-garage anness mad-dar eccetto l-Vann Fiorino fuq imsemmi li jiswew Lm680 (sitt mija u tmenin lira Maltin); min jiehu din il-porzjoni ghandhu jircievi hamsin centezmu minn dak li jiehu l-porzjoni B, Lm16.50c (sittax il-lira Maltin u hamsin centezmu) minghand min jiehu l-porzjoni D u Lm601.50c (sitt mija u lira Maltin u hamsin centezmu) min dak li jiehu l-porzjoni A;

Porzjoni D: Dawk l-oggetti kollha barra l-kamra tas-sodda indikata f'porzjoni B li gew stmati fil-fond indikat 43 jew 44 Triq is-Siggiewi Zebbug li gew elenkati u stmati a fol 76, 77 u 78 tal-process li allura jiswew Lm1315 (elf, tlett mija u hmistax il-lira Maltin); min jiehu dan is-sehem ghandhu jhallas Lm16.50c (sittax il-lira Maltin u hamsin centezmu) lil dak li jiehu l-porzjoni C.

Billi l-valur totali tal-oggetti huwa Lm5194 (hamest elef, mija u erbgha u disghin lira Maltin) kull sehem ghandhu jkun ta' Lm1298.50c (elf, mitejn, tmienja u disghin lira Maltin u hamsin centezmu).

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u;**

**1. Tillikwida l-assi tal-mejta Giovanna u Giovanni Maria Camilleri billi tiddecidi illi dan jikkonsistu fl-assi moblijari fuq imsemmija, kontijiet bankarji u dawn l-assi immobiljari u cioe;**

**a. garage bla numru u bla isem fi Triq Dun Karm Psaila Zebbug Malta stmat Lm8000 (tmint elef lira),**

**b. il-fondi 42, 43 u 44 fi Triq is-Siggiewi, Zebbug Malta stmati komplessivament Lm150,000 (mija u hamsin elf lira),**

**c. snin rimanenti tal-parti tac-cens temporanju tal-ambjenti u porzjonijiet ta' art fil-limiti tas-Siggiewi kif indikati fir-rapport tal-AIC Valerio Schembri u deskritti fil-kuntratt tal-akkwist in atti Nutar Nikola Pace tas-6 ta' Settembru 1894 stmati Lm15,000 (hmistax il-elf lira).**

**2. Tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-beni immobbli fuq deskritti in kwantu mhux komodament divisibbli u li l-istima fuq imsemmija tkun dik relattiva ghall-istess bejgh in licitazzjoni li ssir bl-oblaturi estranji u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet; tordna li l-kontijiet kollha bankarji f'isem il-mejta Giovanna u Giovanni Maria Camilleri depositati fil-HSBC Bank Malta p.l.c komprizi ishma fi skemi kollettivi, jinqasmu f' erbgha porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti; u illi kull wiehed u wahda mill-kontendenti jigi assenjati permezz tas-sortegg xi wahda mill-erbgha porzjonijiet fuq deskritti;**

**3. Tinnomina lin-Nutar Dottor Jeanette Laferla Saliba biex tippublika l-att ta' qasma relattiv u lill-Avukat Dottor Daniela Mangion kuratrici tal-kontumaci, liema kuntratt ghandhu jigi ippublikat fid-9 ta' Lulju 2004 f'nofs in nhar fl-edificcju tal-Qorti.**

**Spejjes jithallsu mill-partijiet kollha fi kwoti indaqs bejnithom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------